MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 129/1999/2

**Joseph Caruana**

**vs**

**Reverendu Father Emmanuel sive Noel Grima bhala Editur tal-gurnal "The Malta Independent" u John Grech**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, moghtija fit-3 ta' Ottubru, 2000, li permezz taghha iz-zewg konvenuti gew dikjarati responsabbli ta' malafama permezz ta' stampat fil-konfront tal-attur u gew ikkundannati jhallsu s-somma ta' mija w hamsin lira (Lm 150) kull wiehed lill-attur in linea ta' danni.

Permezz ta' citazzjoni prezentata fid-19 ta' Jannar, 1999 l-attur, li kien jokkupa l-kariga ta' Amministratur tal-United Nations International Institute on Ageing, Malta, ippremetta illi b'artikolu jew ittra intitolata "INIA's Accountability" ippubblikat fil-harga ta' l-4 ta' Jannar, 1999 tal-gurnal "The Malta Independent" il-konvenuti – rispettivament l-editur tal-gurnal u l-artikolista jew awtur tal-ittra – ingurjawh billi ghamlu allegazzjonijiet u imputazzjonijiet specifici fil-konfront intizi li jingurjaw u jimmalafamaw il-karattru u r-reputazzjoni tieghu, jew li jesponuh ghar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku, u li jikkontjenu fatti inveredici; premess dan l-attur talab lil dik il-Qorti li (1) tiddikjara li l-imsemmija kitba inkriminata hija ingurjuza u libelluza fil-konfront tieghu, u (2) li konsegwentement il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu d-danni skond l-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligiijiet ta' Malta flimkien ma' l-imghax legali mid-data tas-sentenza.

Ghalkemm il-konvenuti pprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom, dawn kienu fuori termine, u ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti, b'digriet tal-15 ta' Gunju, 1999, ordnat l-isfilz taghhom mill-process. Fl-udjenza tal-10 ta' Novembru, 1999 il-konvenut John Grech talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu; pero` b'digriet moghti fl-1 ta' Dicembru, 1999 dik l-istess Qorti ddecidiet li l-imsemmi Grech ma kienx irnexxilu jiggustifika l-kontumacja skond il-ligi u ghalhekk cahditlu t-talba, implicita fit-talba biex jiggustifika l-kontumacja, biex iressaq l-eccezzjonijiet tieghu barra mit-terminu.

Is-sentenza appellata iddecidiet hekk:
"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuti, u filwaqt li tichad l-argumentazzjoni migjuba mill-konvenuti fin-nota rispettiva taghhom, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi :-

(1) Tiddikjara li l-imsemmi artikolu jew ittra ntitolata “INIA’s Accountability” li giet ippublikata fil-harga tal-4 ta’ Jannar 1999, fil-gurnal “The Malta Independent” (Dok. A) hija ngurjuza u libelluza fil-konfront tal-attur;

(2) Tikkundanna lill-konvenut Fr. Emanuel sive Noel Grima bhala editur tal-imsemmi gurnal “The Malta Independent” u lill-konvenut l-iehor John Grech, bhala awtur tal-artikolu msemmi ppublikat fl-istess gurnal intitolat *“INIA’s Accountability”*, sabiex ihallsu s-somma ta’ mija u hamsin lira Maltija (Lm150) kull wiehed lill-attur, (komplessivament is-somma ta’ tlett mitt lira (Lm300) bejniethom) li qed tigi likwidata minn din il-Qorti in linea ta’ danni sofferti mill-attur ai termini tal-**artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-istess konvenuti.”

Biex waslet ghal din il-konkluzzjoni l-ewwel Qorti l-ewwel ghaddiet in rassenja il-principji legali in tema ta’ diffamazzjoni permezz ta’ stampat (libell) – u dan anke fid-dawl ta’ konsiderazzjonijiet legali naxxenti mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea – u kompliet hekk:

“(B) **KONSIDERAZZJONI FATTWALI.**

Illi din il-kawza tittratta dwar azzjoni ta’ libell li l-attur, Joseph Caruana bhala amministratur tal-Istitut INIA ghamel kontra l-konvenuti Fr. Emmanuel sive Noel Grima bhala Editur tal-gurnal “The Malta Independent”, u John Grech, dwar l-artikolu fl-istess gazzetta ippublikat fl-4 ta’ Jannar 1999, intitolat *“INIA’s Accountability”.*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur huwa amministrattur tal-INIA jew International Institute of Ageing li gie stabilit Malta permezz ta’ ftehim bejn il-United Nations u il-Gvern Malti, sabiex l-istess entita` tigi stabbilita bhala Istitut internazzjonali fil-qasam tal-anzjanita` mwaqfa pero` f’Malta, li bhala Istitut huwa awtonomu ghalkemm jaghti

rendikont tal-fondi migbura mill-United Nations Fund for Population Affairs lill-istess, lill-United Nations u lill-Bord tal-istess entita' u lill-Gvern Malti ghall-fondi li jircievi minghad l-istess ghall affarijiet lokali bhal salarji u manutenzjoni tal-bini tal-ufficju tieghu, tramite *audited accounts* li jigu maghmula regolarment.

(C) **VERZJONI U ALLEGAZZJONI TAL-ATTUR.**

Illi fost l-allegazzjonijiet kontenuti fl-istess artikolu li l-attur hasshom li huma ingurjuzi fil-konfront tieghu apparti il-portata tal-artikolu kollu mix-xhieda tal-istess attur jirrizultaw is-segwenti brani:

*(a) "My daughter left INIA in October 1998 after systematic psycholigical harassment leading to medical problems".*

L-attur cahad l-istess u mix-xhieda ma jirrizulta ebda prova ta' xejn dwar l-istess allegazzjoni, la mill-attur u lanqas minn membri jew staff tal-istess Istitut anzi jirrizulta li din l-istess persuna irrizenjat mill-posizzjoni taghha. L-istess attur sostna wkoll li huwa qatt ma ikkometta *harassment* la fil-konfront tal-persuna indikata u lanqas fil-konfront ta' persuni ohra li kienu jahdmu mal-assocjazzjoni, u lanqas jaf li dan gie prattikat minn haddiehor; kull ma jaf huwa illi l-istess persuna imsemmija fl-artikolu qalet ma tiflahx iktar.

*(b) "Mr. Caruana, like his comrades-in-arms Mr. Zahra, the finance officer, (incidentally also in his ninth year of retirement)…… but also the Deputy director of INIA and Professor de Bono himself are fighting to defend their autonomy which in real terms means freedom from accountability, considering how the INIA is being run today. They all wish to conduct their own business without being answerable to the Maltese taxpayer who every year forks out on average, a minimum of Lm114,000 for the running of the insititute".*

Illi dwar dan l-istess bran l-attur sostna li huwa dejjem hassu *accountable* kemm ilu jahdem fl-istess Istitut l-

ewwel bhala *part-time*, minn mindu kwazi twaqqaf l-Istitut, u wara fl-ahhar erbgha jew hames snin bhala *full-time*, u tali artikolu jaghti l-impressjoni li qed issir abbuz mill-istess fondi, u li il-persuni hemm indikati fosthom huwa fil-kariga tieghu, ma jridux jaghtu rendikont tal-istess fondi lill-Gvern, u mhux qed jaghtu rendikont lill-Gvern ghaliex qed jaghmlu xi haga hazina; dan apparti li r-rendikonti jinghataw regorlament permezz ta' *audited accounts* Gvern Malti, lill-United Nations, u lill-Bord tal-istess Istitut. Bhala Istitut huwa awtonomu mill-Gvern pero` huma *accountable* lill-Bord taghhom illi huwa appuntat mis-Segretarju Generali tal-United Nations. Bhala prova gew ukoll esebiti kopji tal-istess audited accounts. Illi dan il-process dejjem sar b'mod regolari. Cahad ukoll li huwa b'xi mod imexxi xi *business* tieghu, ghaliex huwa dejjem hadem ghall-istess Istitut.

*(c) "Theft and outdated books ran rampant. It is clear that the administrator of the INIA is reluctant to invest in proper resources and again he has now the opportunity, under the directorship of Prof. de Bono, to set the clock back to mediocrity and an amateurish approach to the human/financial resource management".*

Illi l-attur hassu ingurjat ghaliex donnu l-istess artikolu qed isostni li huwa inefficjenti.

*(d) "The administrator and the finance officer enjoy the benefit of working without contracts, flexible hours and good salaries. The administrator also enjoys the benefit of an ad hoc chaffeur driven van at least four times a day".*

Illi l-istess attur sostna li veru huwa ma jmurx it-Tnejn, ix-xoghol, pero` din titnaqqas mill-paga tieghu, u dan skond ftehim milhuq mad-direttur precedenti.

*(e) "It is clear from the onset that with the present management staff INIA's reputation has hit rock bottom internationally and locally and there are no tangible signs of recovery".*

Illi l-attur spjega ghaliex hassu ingurjat mill-artikolu in generali u mill-brani fuq citati, u fost l-istess fix-xhieda tieghu jew minnu prodotta spjega is-segwenti, u li t-ton tal-artikolu kollu huwa immirat sabiex jiddiskreditah u maghmul malizjozament bl-intenzjoni li jweggha r-reputazzjoni tieghu, u li huwa jahdem ghall-interessi tieghu u mhux dawk tal-Istitut, u qieghed hemm biss *for a ride.*

## (D) VERZJONI TAL-KONVENUTI.

Illi l-konvenuti min-naha l-ohra, ghalkemm baqaw kontumaci, u ghalhekk ma setghu iressqu ebda provi, sostnew bin-nota taghhom ai termini tal-**Artikolu 158 (10)** illi l-istess artikolu ma huwiex ingurjuz stante illi dan huwa kritika tal-operat tal-istess Istitut, li huma liberi li jaghmlu skond il-liberta’ tal-istampa u tal-espressjoni, u sostna wkoll li l-artikolu kien *“detail packed”,* u sostna li artikolu huwa intiz sabiex jagixxi bhala *public watchdog* sabiex ikun hemm vera accounatability, u ikkowtat minn sentenzi fejn id-dritt ta’ pubblikazzjoni ta’ allegazzjonijiet li jistghu jkunu veri u sabiex wiehed jesprimi l-idejat tieghu u jaghti *value judgements which are not susceptible to proof either way,* u kritika tal-operat ta’ organi pubblici ghandha tithalla f’isem il-liberta` tal-espressjoni. Illi fl-ahharnett sostnew illi jekk it-talba tal-attur tigi milqugha hemm ksur tal-istess Kostituzzjoni.

## (E) APPLIKAZZJONI TAL-PRINCIPJI LEGALI GHALL-FATTISPECIE TAL-KAZ.

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li ghalkemm il-konvenuti huma kontumaci, la darba l-istitut tal-kontumacja jfisser opposizzjoni, l-attur xorta jrid jipprova l-allegazzjonijiet minnu vantati fic-citazzjoni attrici, u ghalhekk qed isir dan l-ezami tal-provi prodotti, stante li inghad kemm il-darba gudizzjarjament li l-kontumacja ma hija qatt ekwivalenti ghall-ammissjoni.

Illi fit-tieni lok jidher car mid-Digriet tal-istess Qorti datat 30 ta' Mejju 2000, li in-Noti tal-konvenuti tal-20 ta' Gunju 2000, rispettivament a fol. 74 u 79 tal-process saru ai termini tal-**artikolu 158 (10)** fejn l-konvenuti inghataw il-fakolta` li jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub sabiex *jiddefendu ruhhom ghat-talba tal-attur.* Illi huwa ovvju li mill-istess artikolu din hija limitata biss ghad-difiza tat-talbiet attrici, u certament mhux sabiex tinbeda jew tigi trattata azzjoni ai termini tal-**artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew artikolu 4 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319,** u dan anke ghaliex din, la hija l-procedura idoneja u lanqas il-mod kif jitqajjem punt kostituzzjonali, f'kull kawza civili, inkluz dik fejn hemm kontumacja, u inkluz meta ghandek kawza differita ghas-sentenza fuq talbiet attrici.

Illi dan qed jinghad, apparti l-fatt li huwa principju ormai risaput u ripetut diversi drabi illi ai termini tal-**artikolu 46 (2)** il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond l-istess subartikolu jekk tkun sodisfatta li l-mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra, bhal ma din il-Qorti thoss li huwa l-kaz odjern, fejn l-istess konvenuti ghadhom qed jiddefendu bil-mezzi provduti mill-Kap 12, anke jekk baqaw kontumaci minghajr ebda gustifikazzjoni provenjenti min-naha taghhom, l-posizzjoni taghhom bil-mezzi provduti mill-istess ligi, inkluz **l-artikolu 158 (10)** li a bazi tieghu saret l-istess nota, apparti d-dritt tal-appell, li ghadu disponibbli ghalihom, anke wara d-decizjoni minn din il-Qorti fuq din il-pendenza.

Illi jekk wiehed jikkonsidra il-mertu tal-pendenza odjerna, anke fl-isfond tal-**artikoli citati tal-Kostituzzjoni u tal-Kap 319** ghandu jigi rilevat li kull persuna ghandha id-dritt taghti l-opinjonijiet taghha fuq l-operat ta' persuni u entitajiet pubblici, anke b'mod azzardat u wkoll iebes purche` tali opinjoni tkun ibbazata fuq fatti veri u ppruvati u mhux fuq allegazzjonijiet ivvintati.

Illi f'dan l-isfond l-argumentazzjoni tal-konvenuti, iktar diretta fl-istess nota ghal dak li hemm allegat fil-konfront tal-attur l-iehor l-Profs. Anthony de Bono, fil-kawza wkoll

deciza llum fuq l-istess artikolu, setghet tkun korretta biss, kieku dak kontenut fl-artikolu kien jikkonsisti biss fi kritika tal-operat tal-Istitut u tal-attur, ibbazzat l-istess artikolu fuq fatti minnu ppruvati, jew almenu ibbazat biss fuq opinjonijiet tieghu. Izda l-artikolu in ezami, mehud bran bran, u wkoll fl-assjem tieghu, certament li juri bic-car li dan ma huwiex il-kaz odjern.

Illi anzi mill-istess artikolu, jirrizulta li saru diversi akkuzi ta' natura serja, li l-istess artikolu qed jiehu bhala fatt fil-konfront tal-attur, li pero` f'din il-kawza hemm nuqqas ta' prova dwar l-istess allegazzjonijiet fil-konfront *inter alia* tal-attur.

Illi l-istess artikolu ghandu diversi akkuzi fil-konfront tal-istess attur fosthom:- li bint il-konvenut John Grech meta kienet qed tahdem fl-istess Istitut kienet soggetta ghal dak li l-awtur tal-istess artikolu isejjah *"psychological harassement leading to medical problems";* li l-istess persuni responsabbli ta' l-Istitut INIA ma jridu jaghtu rendikont lill-hadd inkluz lill-Gvern ta' Malta, sabiex ikomplu jmexxu xogholhom kif iridu huma; li l-attur qed ihalli li jsir serq ta' kotba u li jhalli diversi kotba li jkunu *outdated* u ghalhekk bhala amministratur mhux qed jaghmel xogholu; li jidhol ghax-xoghol kwazi meta jrid ghaliex jahdem *flexible hours*; u is-sehem tal-attur bhala parti mit-tmexxija tal-istess Istitut, l-amministrazzjoni tar-risorsi umani u finanzjarji tal-istess Istitut li qed tithalla tmur lura ghall-medjokrita` u tmexxija dilattenteska; u li tali atti tal-istess attur qed iwasslu sabiex ir-reputazzjoni tal-istess Istitut taqa' fl-aghar livell baxx lokalment w internazzjonalment, u li ma hemm ebda sinjal ta' rkupru mill-istess.

Illi jigi rilevat li apparti il-fatt li l-attur ma jahdimx fil-gurnata tat-Tnejn, kif approvat mid-direttur precedenti tal-istess Istitut, u li jaghmel wkoll xoghol id-dar, u li huwa stess ta' eta` anzjana, diversi mill-insinwazzjonijiet fuq indikati mill-konvenut Joseph Grech fl-artikolu tieghu ma gew bl-ebda mod ippruvati, u ghalhekk certament li id-difiza imressqa mill-konvenuti, taht dan l-aspett ma tistax certament tirnexxi.

Illi dan ghaliex fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tali brani mill-istess artikolu, (fuq kwotati testwalment mill-istess artikolu gurnalistiku esebit a fol. 4 tal-process, u partijiet minnu appena tradotti), ma humiex biss valutazzjoni, opinjoni, jew *value judgements* tal-konvenuti, kif huma qed isostnu fin-nota taghhom, izda certament qed jattribwixxu certi fatti lill-istess attur, inkluz li minhabba hinijiet flessibbli fix-xoghol tieghu qed ikun assenti milli jaghmel l-obbligi tieghu jew jaghmilhom inefficjentament, li qed jonqos li jaghti rendikont tal-operat tieghu, anke dak finanzjarju lin-Nazzjonijiet Uniti u lill-Gvern Malti, li huwa megalomanijaku, li qed involut jew ippermetta li jsir *systematic psychological harassement* ta' bint l-artikolista, li qieghed f'dik il-kariga biex jaghmel xoghlu u mhux dak ta' l-Istitut, li huma fost l-insinwazzjonijiet  li ghamel l-istess konvenut Grech, u li skond hu waqqghu lill-Istitut fl-aghar livell ta' reputazzjoni kemm lokalment u kemm internazzjonalment, li pero` ma rnexxilux jipprova.

Illi fin-nota taghhom il-konvenuti jaccennaw biss ghall-allegazzjoni taghhom li minhabba dak li huma jsejhu bhala l-hafna safar tal-atturi fil-kawza l-ohra, bilfors li l-amministrazzjoni ta' l-istess Istitut marret lura, anzi hija konsegwenza naturali tal-istess nuqqas tieghu minn Malta. Izda huwa manifest li meta bniedem normali jaqra l-istess artikolu, wiehed jiehu mill-ewwel l-impressjoni li l-istess konvenut John Grech jghid hafna iktar minn hekk, u jinsinwa b'mod dirett fil-konfront tal-istess attur diversi abbuzi,  li fin-nota ta' sottomissjonjiet tal-konvenuti lanqas biss jissemmew.

Illi kieku l-istess artikolu, kif donnu qed jghidu issa waqt il-kawza l-konvenuti, kien kritika tas-safar tal-attur u membri ohra tal-Istitut, u li certu ammont ta' safar, anke jekk jista' jkun ippruvat, kellu skond il-konvenut Grech il-konsegwenza logika, ta' laxkar, jew qed jikkritika l-operat tal-istess attur, anke minhabba l-eta`,  forsi l-konvenuti jkollhom ragun u ghandhom dritt jikkumentaw, tajjeb jew hazin, izda bl-istess artikolu l-konvenut mhux hekk biss ghamel, izda litteralment attribwixxa diversi fatti malafamanti lill-attur, minghajr l-icken prova ta' xejn.

Ghaliex din il-Qorti ssaqsi, f'dak li l-konvenuti jsejhu bhala artikolu *detail packed*, fejn huma l-provi *inter alia* li l-attur *inter alia* ma ghadda ebda rendikont lin-Nazzjonijiet Uniti u lill-Gvern Malti, u b'hekk lanqas irid jaghmel rendikont ta' xoghlu lil hadd; li l-attur mhux qed ikun efficjenti u qed ihalli kotba jinsterqu u wkoll numru ta' *outdated books*; li l-attur prattika jew halla li jigu prattikati mezzi ta' *systematic psychological harassment* fuq bint il-konvenut John Grech, li l-Istitut qed jigi ridott ghall-fama mill-iktar baxxa lokalment u internazzjonalment, u hafna mistoqsijiet ohrajn, li la l-artikolu u lanqas bil-provi f'din il-kawza, l-istess konvenuti ma jaghtu spjegazzjoni taghhom, apparti l-fatt li dawn bhala tali gew kontradetti minn provi f'din il-procedura.

Illi certament li l-liberta` tal-espressjoni ma ghandhiex tkun licenzja sabiex wiehed liberalment jattakka, bla ebda provi u fondament, ir-reputazzjoni u l-unur ta' bniedem iehor, stante li in-natura stess tad-drittijiet fundamentali, ghandha *ai fundus*, ir-rispett lejn il-hajja u ir-reputazzjoni umana; anzi jista' jinghad li r-reputazzjoni ta' u l-fama tal-bniedem u l-protezzjoni taghha hija l-emanazzjoni u fl-istess hin il-kulmine tad-dinjita` stess tal-istess bniedem.

Illi dan l-apprezzament tal-Qorti qed jigi moghti taht il-konsiderazzjonijet maghmula wkoll fis-sentenza **"Onor. Dr. Philip Muscat vs Victor Camilleri et"** (A. C. 19 ta' Mejju 1995 - LXXIX.ii.487) fejn inghad illi bl-introduzzjoni tal-**Kap 319** sar *"tibdil fondamentali fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti fil-materja ta' ingurja in kwantu din tkun diretta lejn l-awtoritajiet specjalment dawk governattivi, u dan sabiex kemm il-ligi kif ukoll id-decizzjonijiet ta' dawn il-Qrati jkunu konformi mal-hsieb u decizzjonijiet tal-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem in materja' ta' liberta' tal-istampa. Dan il-kambjament radikali sar kemm fil-kamp penali kif ukoll fil-kamp civili. Din il-Qorti taghmel biss referenza ghas-sentenza taghha stess re "**Anglu Fenech pro et nomine vs. Carmelo Callus"** tal-4 ta' Frar 1994 u dik tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) in re "***Il-Pulizija kontra l-Onorabbli Dr. Guido Demarco"** deciza fis-27 ta' Lulju 1994 fit-tnejn dawn il-Qrati segwew

*it-triq murija mill-Qorti Ewropeja fil-***Lingens Case** *sa mill-1986*".

Illi taht dawn il-konsiderazzjonijiet jirrizulta li hija regola *ormai* min qieghed jokkupa kariga pubblika, f'demokrazzija, huwa tenut li jirrikonoxxi kritika anke harxa ta' l-operat tieghu, pero` tali kritika qatt ma ghandha twassal sabiex jigu attribwiti fatti mhux veri lil l-persuna bl-iskop li tali persuna tigi malafamata, ingurjata, u redikolata pubblikament, u t-test ghal dan xorta jibqa' kif *"a reasonable fair minded man"* cioe` *"the reasonable man, of normal intelligence, possessed of a degree of knowledge of current circumstances"* ihares u jifhem l-istess artikolu **("Hedley vs Tabone"** - 7 ta' Frar 1953 - **"Mintoff vs Schembri" -** 7 ta' Frar 1953) u ghal dan it-test mhux *"importanti li wiehed jara x'kellhom f'rashom il-kwerelati meta l-artikolu in kwistjoni gie miktub u stampat, imma l-importanti huwa li wiehed jara x'jifhem ic-cittadin ordinarju, ta' intelligenza normali, meta jaqra l-artikolu in kwistjoni"* **("Onor. Dr. G. Cassar vs Dr. Joseph Muscat** - 22.07.1985).

Illi mela jidher car illi ghalkemm wiehed jista' jaghmel kritika anke harxa fuq l-operat ta' persuna f'posizzjoni pubblika, dan ma jfissirx li b'daqshekk wiehed ghandu l-liberta` li jattribixxi fatti mhux pruvati w ingurjuzi lill-istess persuna, ghaliex il-liberta` tal-espressjoni ghandha il-limiti taghha, fid-dritt ta' persuna li tiddefendi isimha u l-unur taghha, specjament meta tali fatti allegati jew insinwati assolutament ma jigux ippruvati u ma jezistux. Jibqa' dejjem il-fatt li l-limiti tal-*fair comment* huwa li *"jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment'* ("**Anglu Camilleri vs Anthony Zammit"** - Vol.XI.IV.1195.; **"Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit"** - JSP 929/90/JSP - 3.10.1991).

Illi dan it-test semplici jidher li l-artikolu nkriminat ma ssodisfahx ghaliex il-fatti hemm insinwati, u attribwiti lill-attur ma gewx lanqas ippruvati; illi l-artikoli mhux sempliciment ma qabilx ma' l-operat tal-attur u kritikah,

izda attribwixxa lill-attur diversi aggettivi u atti, mhux ippruvati, li lkoll gew ikkontestati bhala fatt mill-istess attur, liema insinwazzjonijiet mhux ippruvati effettivament jattakaw ir-reputazzjoni tal-istess attur.

Illi l-istess attur ghandu certament dritt jiddefendi ruhhu kontra dak li gie attribwit lilu, u pprezentat bhala fatt lill-qarreja tal-istess artikolu. Wiehed jista' ma jaqbilx ma' l-operat tal-attur, u anke jista' ma jaqbilx mad-dispossizzjoni u x-xoghol tieghu, u tali kritika hija wkoll permissibbli, izda biex minn hekk tasal sabiex tinsinwa atti abbusivi fil-konfront tal-attur, fil-kapacita` professjonali tieghu, u tattribwilu atti ta' nuqqas ta' responsabilita`, *wrong-doing,* abbuz ta' posizzjoni, u wkoll vendikazzjonijiet u abbuz ta' poter u inefficjenza, bla ma dawn jigu ppruvati, dan immur certament oltre l-limiti ta' espressjoni permessibbli f'socjeta` demokratika, li l-ewwel interess taghha, huwa sabiex tiddefendi l-unur u r-reputazzjoni tal-bniedem, mehud bhala l-izghar membru tas-socjeta` totali, u l-iktar li ghandhu bzonn protezzjoni.

Illi dan kollhu jmur lill'hinn mid-dritt tal-konvenuti li jikkrittikaw l-operat tal-Istitut, li ghandhom dritt jaghmlu, u huwa wkoll dritt taghhom li jisugerrixxu metodu u *policy* alternattiva, li tista' wkoll skond il-konvenuti taghti soluzzjonijiet ahjar, izda sabiex taghmel dan, hadd ma ghandu dritt jattribwixxi atti malafamanti lill-persuna li tokkupa dik il-posizzjoni, jekk tali atti ma jkunux veri u ppruvati bhala tali, ghaliex hemm wiehed jidhol fit-territorju tal-malafama u l-konsegwenti dritt ta' persuna, anke ovvjament pubblika, li tiddefendi r-reputazzjoni taghha, u tigi ikkumpensata jekk dak li ntqal fuqha ma jkunx jirrifleti l-verita`, u l-iskop tal-istess ikun sabiex inaqqas fir-reputazzjoni tal-persuna koncernata, fuq allegazzjonijiet inveritieri.

Illi dwar il-posizzjoni tal-editur, la darba li gie ippruvat, li l-konvenut Fr. Emmanuel Grima huwa l-editur tal-istess gazzetta kif jirrizulta mid-dokument B a fol. 5 tal-process, jinghad illi kuncett accettat illi huwa jassumi r-responsabilita` ghal dak kollu li jidher fil-gazzetta tieghu

anke jekk tirnexxi l-azzjoni kontra l-awtur anke jekk separatament.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha."

Din il-Qorti rriproduciet estensivament mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti ghax minnha, anke jekk forsi bi ftit ta' ripetizzjoni zejda, johrog car x'inhu l-qofol ta' din il-kawza: l-artikolu inkriminat jallega fatti inveritjeri fil-konfront tal-attur, liema fatti huma wkoll malafamanti. Dan qed jigi precizat ghax din il-Qorti ma tistax tifhem kif iz-zewg appellanti qed jippruvaw, permezz (taz-zewg) appelli taghhom, jispustaw il-kwistjoni minn wahda purament ta' malafama permezz ta' l-istampa ghal wahda ta' indoli kostituzzjonali. Altru li wiehed jikkritika, anke jekk b'mod iebes, l-operat ta' dak li jkun billi jesprimi l-opinjoni tieghu fuq dak l-operat, u altru li wiehed jatribwixxi jew, aghar, jinsinwa fatti malafamanti li ma jigux pruvati. Din id-distinzjoni tohrog anke mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, fosthom il-kaz, kwotat mill-konvenuti appellanti kemm fin-noti taghhom quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll fir-rikorsi ta' appell, ***Lingens v. Austria*** [1]. Skond l-awturi van Dijk u van Hoof, *"The distinction between facts and value-judgements…is standing case-law…"* [2]. Bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u bil-gurisprudenza dwaru ma giex abolit ir-reat ta' malafama permezz ta' l-istampa, izda semplicement inghatat interpretazzjoni aktar liberali ta' x'jammonta ghal malafama meta si tratta ta' kummenti u opinjonijiet (ossia *value-judgements*) specjalment fil-kaz ta' kummenti u opinjonijiet li jirrigwardaw nies fil-politika jew dibattiti politici jew f'kuntest politiku. Effettivament iz-zewg appelli – ta' l-appellant Reverendu Grima u ta' l-appellant John Grech – huma identici ghal dak li jirrigwarda l-meritu ta' l-appell. Pero` l-appellant Grech jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti "hadet decizjoni errata meta cahdet it-talba [tieghu] biex jiggustifika l-kontumacja ghaliex kien hemm provi u ragunijiet sufficjenti biex din it-talba tigi milqugha". Fuq dan il punt din il-Qorti assolutament ma taqbilx. Id-deposizzjoni ta' John Grech,

[1] 8 ta' Lulju, 1986, A.103
[2] **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights**, Kluwer (The Hague), 1998, p. 572

minnu moghtija fl-10 ta’ Novembru, 1999, u l-verbal ta’ l-udjenza tal-15 ta’ Gunju, 1999 jiggustifikaw pjenament is-segwenti konsiderazzjoni u konkluzzjoni maghmula u milhuqa mill-ewwel Qorti fil-provvediment taghha tal-1 ta’ Dicembru, 1999:

**…jirrizulta bla ebda dubju li l-konvenut John Grech meta irceva din ic-citazzjoni minflok mar ikellem avukat baqa’ jitrattjeni sabiex jipprova jkellem lill-korrispondent Alan Delia, u prattikament halla f’idejh. Illi l-konvenut f’din il-kawza hu mharrek personalment u ghalhekk kien imissu li ha hsieb hu personali xi haga li tirrigwarda lilu.**

**Illi di piu` John Grech lanqas biss deher ghall-ewwel seduta quddiem din il-Qorti u in kontro-ezami wera bic-car li hu kien jaf li fil-15 ta’ Gunju, 1999 kien hemm tali seduta.**

**Illi fix-xhieda tieghu hu ma kien xejn konvincenti; anzi din il-Qorti thoss li bil-komportament tieghu hu wera traskuragni grossolana u hija proprju tali traskuragni li turi dik il-kontumacja u disubbidjenza lejn dawn il-Qrati, li din [il-]Qorti certament ma tista’ tiggustifika bl-ebda mod.**

**Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, il-Qorti thoss, li a bazi tal-provi migjuba quddiemha, l-unika konkluzzjoni possibbli hija li l-konvenut John Grech ma rnexxilux jiggustifika l-kontumacja tieghu, u ghalhekk it-talba maghmula seduta stante fl-10 ta’ Novembru, 1999 ghandha tigi respinta.**

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax hlief tqis dana l-ilment ta’ l-appellant Grech bhala wiehed fieragh u vessatorju.

L-istess jinghad ghall-aggravji l-ohra sollevati fil-meritu miz-zewg appellanti. L-ewwel zewg aggravji huma: (**1**) li s-sentenza appellata waslet ghall-konkluzzjoni zbaljata u qalet li l-kitba kienet libelluza proprju ghaliex ma zammitx distinti ir-regoli kompletament distinti li jezistu bejn il-protezzjoni moghtija lill-individwu u l-protezzjoni moghtija

lill-figuri pubblici jew entitajiet pubblici f’materja ta’ liberta` ta’ l-istampa, (**2**) li s-sentenza appellata naqset li tapplika t-test tan-“necessita` f’socjeta` demokratika” imsemmi fl-Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni Ewropea, li huwa strett hafna. Kif diga gie osservat aktar ‘l fuq f’din is-sentenza, dawn iz-zewg aggravji ma ghandhom x’jaqsmu assolutament xejn mar-raguni – raguni valida – ghala l-ewwel Qorti sabet favur l-attur, u cioe` li l-konvenuti allegaw jew insinwaw fatti malafamanti fil-konfront tal-attur, liema fatti mhux biss ma gewx minnhom pruvati izda gew negati mill-attur, korroborat minn xhieda ohra.

L-ahhar aggravju taz-zewg appellanti hu “li l-ewwel Onorabbli Qorti waqghet, inkonxjament, f’kontradizzjoni ghaliex b’id wahda sabet illi l-artikolu jeccedi *‘l-limiti ta’ espressjoni permissibbli f’socjeta` demokratika’* (pagna 27 tas-sentenza appellata) u bl-id l-ohra rriteniet illi ghandha tiddeklina li tuza s-setghat ai termini ta’ l-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni ghaliex l-esponent ghad fadallu d-dritt ta’ appell x’jezawrixxi bhala rimedju ordinarju qabel ma nidhlu fil-kamp kostituzzjonali”. Jinghad bla tlaqliq li, kuntrarjament ghal dak li qed jikkontendu l-appellanti, ma hemm ebda kontradizzjoni. Il-fatt li l-ewwel Qorti applikat il-kriterju ta’ x’inhu permissibbli li jinghad jew jinkiteb f’socjeta` demokratika minghajr ma dak li jkun jinkorri fis-sanzjonijiet penali jew civili, ma jfissirx b’hekk li dik il-Qorti kienet qed tiddecidi l-kawza fuq bazi kostituzzjonali jew ta’ drittijiet fondamentali. Il-kuntest li fiha intuzat l-espressjoni “oltre l-limiti ta’ espressjoni permissibbli f’socjeta` demokratika” (ara s-sentenza citata aktar ‘l fuq) huwa fis-sens li fis-socjeta` moderna, a differenza ta’ forsi ghoxrin, tletin jew sittin sena ilu, certu kummenti jitqiesu li ma humiex ingurjuzi. Meta, pero`, flok kumment (jew opinjoni) ikollok allegazzjoni jew insinwazzjoni ta’ fatti fihom infushom ingurjuzi u li ma jirrizultawx sostanzjalment pruvati, anke fis-socjeta` moderna u demokratika jibqa’ validu il-kumment ta’ l-Imhallef Kennedy fil-kawza ***Peter Walker Ltd. v. Hodgson*** : *“Where the words which are alleged to be defamatory allege, or assume as true, facts concerning the plaintiff which the plaintiff denies, and which either involve a slanderous imputation in themselves, or upon which the comment bases*

*imputations or inferences injurious to the plaintiff, it is settled law that the defence of fair comment fails unless the comment is truthful in regard to its allegation or assumption of such facts”* [3].

Ghal dawn il-motivi iz-zewg appelli qed jigu respinti, u s-sentenza appellata qed tigi konfermata. U peress li fic-cirkostanzi z-zewg appelli huma frivoli u vessatorji (kif eccepit mill-appellat fir-risposti tieghu) fis-sens tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, l-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jithallsu ghal darbtejn mill-appellanti lill-appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] ***Peter Walker Ltd. v. Hodgson*** [1909] 1 K.B. at p. 256.